Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,990, 15 ta' Settembru, 2000
Taqsima B

A.L. 177 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Human Rights and Democratization - M.A.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titlu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Human Rights and Democratization - M.A.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' tal-Liġi;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Master of Arts in Human Rights and Democratization - M.A.;

"il-Kors" tfisser il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-Grad ta' Master of Arts in Human Rights and Democratization - M.A.;

"is-Senat" tfisser is-Senat ta' l-Universita';

"l-Universita'" tfisser l-Universita' ta' Malta; u

"l-Universitajiet Parteċipanti" tfisser l-universitajiet u l-istituzzjonijiet li jipparteċipaw fit-tagħlim għal dan il-Grad bi ftehim ma' l-Universita'.

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2000 jew wara.

Il-Bord ta' l-Istudji

3. Il-Kors għandu jkun amministrat minn Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, wara konsultazzjoni ma' l-Universitajiet Parteċipanti.

L-Eliġibbilita' għall-Grad

4. Biex ikunu eliġibbli għall-Grad, l-istudenti għandhom:

(a) ikunu rreġistrati bħala studenti regolari skond ir-Regolamenti għad-Dħul fl-Universita' u jissodisfaw il-Kwalifiki għad-Dħul imniżżla fir-regolament 5;

(b) itemmu l-kors ta' l-istudji, jikkwalifikaw fl-eżamijiet, jgħaddu mid-dissertazzjoni u jissodisfaw kull rekwiżit ieħor preskritt f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfaw kull rekwiżit ieħor preskritt fi statuti, f'regolamenti u f'ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Kwalifiki għad-Dħul

5. L-applikanti għad-dħul fil-Kors, li għandhom ikunu jafu sewwa bl-ilsien Ingliż, għandhom ikollhom il-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor jew fil-liġi, jew fix-xjenzi soċjali, jew fix-xjenzi politiċi, jew fir-relazzjonijiet internazzjonali jew fl-istudji umanistiċi, b'mill-anqas it-Tieni Klassi bl-Unuri, u preferibilment b'xi esperjenza f'qasam relatat mal-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jew

(b) kwalifika ekwivalenti minn din l-Universita' jew minn xi universita' oħra rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Kors

6. L-applikanti li jixtiequ jirreġistraw għall-Kors għandhom japplikaw fuq il-formola preskritta u fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

7. Meta jidħlu fil-Kors, l-istudenti jkunu meħtieġa jirreġistraw għall-għadd xieraq ta' taqsimiet studju, kif indikat fil-paragrafu (a) tar-regolament 9.

It-Tul tal-Kors

8. Il-Kors għandu jinfirex fuq sena akkademika ta' studju u riċerka fuq bażi *full-time*. F'ċirkostanzi speċjali, il-Bord jista' jestendi l-perijodu ta' studju b'sa sitt xhur.

Il-Kors ta' l-Istudji

9. Il-Kors ikun offrut f'oqsma ta' studju relatati mad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni kif determinat mill-Bord, u għandu jikkonsisti f'żewġ komponenti:

(a) komponent mgħallem, li jestendi fuq l-ewwel semestru tal-Kors, u li jikkonsisti f'għadd ta' taqsimiet studju, li għalihom mill-anqas 16-il kredtu huma assenjati, li jsir fl-Universita'; u

(b) komponent ta' riċerka, li jestendi fuq it-tieni semestru tal-Kors, u li jwassal għall-preżentazzjoni ta' dissertazzjoni, li għalih 14-il kredtu huma assenjati, li jista' jsir f'waħda mill-Universitajiet Parteċipanti.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

10. Il-Bord għandu jħejji katalgu tat-taqsimiet studju għal kull qasam ta' studju. Il-katalgu għandu jindika l-kowd, it-titlu, u d-deskrizzjoni ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Valutazzjoni u Progress

11. Il-kredti għandhom ikunu assenjati skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla grad: A, B, Ċ, u D. F tindika li wieħed weħel. Xogħol mhux komplut għal raġunijiet ġustifikati (mard, assenza approvata, eċċ) għandu jkun indikat bl-ittra I. Fil-każijiet l-oħra kollha r-riżultati ta' taqsimiet studju mhux mitmuma għandhom jidhru bħala F. Il-gradi mogħtija għandhom iqisu l-livell milħuq mill-istudenti f'wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin, kif il-Bord iqis xieraq: assenjamenti u/jew eżamijiet bil-miktub.

12. L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju b'marka ta' mhux anqas minn erbgħin fil-mija (40%) tal-marki tal-valutazzjoni f'dak il-qasam ta' studju għandhom ikunu valutati mill-ġdid f'xi komponent jew fil-komponenti kollha tal-valutazzjoni. F'dawn il-każijiet l-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D.

Id-Dissertazzjoni

13. (1) L-istudenti għandhom jippreżentaw proposta għad-dissertazzjoni bil-miktub sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mill-bidu tal-Kors.

(2) Wara l-approvazzjoni tal-proposta għad-dissertazzjoni mill-Bord ta' l-Istudji, il-Bord ta' l-Istudji għandu jaħtar superviżur għal kull student.

(3) Id-dissertazzjoni, li m'għandhiex taqbeż il-25,000 kelma, għandha tkun sottomessa sa mhux aktar tard mill-aħħar tat-tieni semestru.

(4) Il-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jagħti lill-istudenti estensjoni tad-data ta' sottomissjoni li hemm riferiment għaliha fil-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 8.

(5) Id-dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord ta' l-Eżaminaturi maħtur mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(6) L-istudenti għandhom jissottomettu tmien kopji tad-dissertazzjoni u jiddikjaraw bil-miktub li d-dissertazzjoni hija x-xogħol tagħhom u tikkonforma mar-rekwiżiti li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu (10) ta' dan ir-regolament.

(7) Iċ-*Chairman* tal-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jlaqqa' lill-Bord biex jiddiskutu d-dissertazzjonijiet. L-istudenti jistgħu jkunu mitluba joqogħdu għal eżami *viva voce* biex jiddefendu d-dissertazzjoni tagħhom.

(8) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' japprova d-dissertazzjoni. Huwa jista' jitlob lill-istudenti jagħmlu xi korrezzjonijiet jew jiktbu d-dissertazzjoni mill-ġdid fiż-żmien indikat, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 8, jew jista' ma jaċċettax id-dissertazzjoni għal kollox.

(9) L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom tkun irrifjutata jew li l-korrezzjonijiet tagħhom jew il-kitba mill-ġdid ikunu kkonsidrati mhux tajbin biżżejjed jew li ma jissottomettux id-dissertazzjoni fiż-żmien preskritt, ma jingħatawx il-Grad.

(10) Id-dissertazzjoni għandha tkun sottomessa skond il-gwida li l-Bord ta' l-Istudji għandu jippubblika minn żmien għal żmien.

Il-Klassifikazzjoni u l-Għoti tal-Grad

14. Il-grad finali ta' kull student għandu jqis il-gradi kollha miksuba għat-taqsimiet studju u għad-dissertazzjoni, li għandhom jingħataw il-piż skond l-għadd ta' kredti assenjati għal kull waħda.

15. L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.